# Ġanni Faurè

❑ Ġanni Faurè twieled Bormla fl-1839 minn Filiberto u Marija Cassar. Studja d-disinn u tgħallem għand is-surmastrijiet N. Stabile, A.Debono, P.P. Castagna, Dick St. John u P. Cannataci.

Ta' ħmistax-il sena, fl-1854, beda l-ewwel tagħlim tas-sengħa fl-iskejjel tal-bennejja ta' l-aħwa German. Sena wara, fl-1855, kien impjegat it-Tarzna, li dak iż-żmien kienet magħrufa bħala *Her Majesty's Dockyard*. Ħadem fil-*factory shop* taħt id-direzzjoni ta' Master T. Hanshaw li kien *chief engieneer*, kif ukoll taħt Master T. Sullivan. Meta spiċċa mit-tagħlim kien magħdud bħala artist modellatur.

Fl-1869 kien mogħti liċenzja biex jaħdem fl-istabbilimenti ta' Master Davis f'Kordin, N. Zammit & Co. f'Ras Ħanżir, kif ukoll ta' Messrs J. Horn u Wertaup. Ħadem xogħol ieħor ma' ditta privata.

Fl-istess żmien hu kien tgħallem il-Malti, l-Ingliż u t-Taljan sewwa. Beda jikteb xi drammi għal fuq il-palk, bħal "Don Bisogni", "Minn Jarra Moħħu Jbati Ġismu", fares u kummiedji għal fuq il-palk, u anke kiteb dramm b'erba' atti. Barra minn dan kollu kiteb għadd ta' poeżiji u sunetti li nqraw minn ħafna nies.

Kiteb ukoll diversi kotba stil ta' reġistri kbar, jgħidulhom Octavo b'diversi titli bħal "Il-Patri Ottoman", "Il- Konġura l-Kbira", "Ix-Xbejba Ta' Ħal Ġwann" u l-kapolavur tiegħu li l-aktar li baqa' jissemma għalih, "L-Istorja Ta' Malta u Għawdex" f'erba' volumi kbar qishom reġistri, kbar daqs missalli tal-quddiesa. Mill-1876 għal erbgħin sena sħaħ reġa' impjega ruħu d-Dockyard fejn ħadem fuq diversi vapuri tal-gwerra bħala *pattern maker*.

Skond R. Mifsud Bonnici fil-ktieb tiegħu "Dizzjunarju Bio Biblijografiku Nazzjonali", maħruġ bħala faxxikli bejn l-1960 u l-1966 u stampat mid-Dipartiment ta' l-infomazzjoni, Ġanni Faurè kien pittur, awtur u storjografu.

Fil-ktieb ta' "L-Istorja ta' l-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien 1862-1987" ta' Vincent Battistino, insibu li Ġanni Faurè kien kemm il darba fil-kumitat ta' dik l-Għaqda Mużikali bejn l-1902 u l-1909. F'dik is-sena serva bħala president provizorju sekemm l-inkwiet li kien hemm fil-każin twitta. Hu kien meqjus bħala wieħed li jħobb ħafna lil Ħal Tarxien. Hu baqa' fil-kumitat sa' l-1912.

Kien wieħed minn l-ewwel membri tal-Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina. Inkiteb fil-fratellanza fl-4 ta' Ġunju 1876. Kien ukoll segretarju tal-Fratellanza għal xi żmien tal-bidu.

Fil-fuljett parrokkjali "Tarxien" ta' Mejju-Ġunju 1985, għadd 60, insibu lill-Kav. Rafel Bonnici Calì f'paġna 22 jikteb li Ġanni Faurè kien ukoll devot tal-Madonna taċ-Ċintura. Kien għal xi snin ir-Rettur tal-fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura. Minn flusu, fl-1900, kien għamel l-artal ta' l-irħam fil-kappella tal-Madonna taċ-Ċintura fil-knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien. Ismu jidher fl-aħħar tarġa ta' dan l-artal.

Huwa miet fl-4 ta' Diċembru ta' l-1922, fl-età ta' 85 sena, u jinsab midfun fil-knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien.

*Joseph Farrugia*

---

**Riferenzi :**

*"L-Istorja ta' Malta u Għawdex" ta' Giovanni Faurè Vol. IV.*

*"Dizzjunarju Bio Bibbljografiku Nazzjonali" ta' R. Mifsud Bonnici, DOI 1960-1966, p.208.*

*"L-Istorja ta' l-Għaqda Marija Annunzjata" ta' V. Battistino,1988, pp.7 sa 10.*

*Reġistru tal-Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina, Arkivju Parrokkjali Ħal Tarxien.*